



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

6.9.2010

B7-0492/2010

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjonijiet mill-Kunsill u mill-Kummissjoni

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-sitwazzjoni tar-Roma fl-Ewropa u l-ksur tal-liġi dwar il-moviment liberu

Manfred Weber, Simon Busuttil, Jean-Pierre Audy, Michèle Striffler,

Livia Járóka

f'isem il-Grupp PPE-DE

Timothy Kirkhope

f'isem il-Grupp ECR

RE\829753MT.doc

PE446.575v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni tar-Roma fl-Ewropa u l-ksur tal-liġi dwar il-moviment liberu

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-25 ta' Marzu 2010 dwar it-Tieni Samit Ewropew dwar ir-Roma¹, tal-11 ta' Marzu 2009 dwar is-sitwazzjoni soċjali tar-Roma u t-titjib tal-aċċess tagħhom għas-suq tax-xogħol fl-UE², tal-10 ta' Lulju 2008 dwar iċ-ċensiment tar-Roma fuq bażi tal-etniċità fl-Italja³, tal-31 ta' Jannar 2008 dwar Strateġija Ewropea għar-Roma⁴, tal-1 ta' Ġunju 2006 dwar is-sitwazzjoni tan-nisa Roma fl-Unjoni Ewropea⁵ tat-28 ta' April 2005 dwar ir-Roma fl-Unjoni Ewropea⁶,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3 tat-Tratta dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 21(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19(1) tagħha,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 4 tagħha,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/38/KE⁷ dwar id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu u jgħixu b'mod ħieles fit-territorju tal-Istati Membri,
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000⁸ li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-orijini tar-razza jew l-etniċità,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-integrazzjoni soċjali u ekonomika tar-Roma fl-Ewropa⁹,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-moviment liberu tal-persuni jikkostitwixxi waħda mil-libertajiet fundamentali tal-

¹ P7 TA-PROV(2010)0085.

² P6 TA(2009)0117.

³ P6 TA(2008)0361.

⁴ P6 TA(2008)0035.

⁵ P6 TA(2006)0244.

⁶ P6 TA(2005)0151.

⁷ ĠU L 158, 30.4.2004.

⁸ ĠU L 180, 19.7.2000.

⁹ COM(2010)133.

liġi tal-Unjoni Ewropea u jinkludi d-dritt taċ-ċittadini tal-UE li jiċċaqilqu lejn Stat Membru ieħor tal-UE sabiex jaħdmu jew jgħixu hemmhekk, flimkien mal-familji tagħhom, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2004/38,

- B. billi f'Lulju 2010, l-awtoritajiet Franċiżi bdew jeqirdu u jevakwaw għadd ta' kampijiet imwaqqfa mir-Roma, bħala ċittadini ta' ċerti Stati Membri tal-UE, li allegatament kienu qed jgħixu fi Franza illegalment,
- C. billi jidher li madwar 700 persuna ġew irritornati lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom, fil-parti l-kbira fuq bażi ta' skema volontarja, permezz ta' titjiriet skedati għal dan l-iskop fid-19 u s-26 ta' Awissu, filwaqt li hemm titjira oħra ppjanata għal tmiem Settembru,
- D. billi, bħal Stati Membri oħra, Franza għandha d-dritt li tapplika d-Direttiva 2004/38/KE dwar il-moviment liberu fi ħdan l-UE bi qbil mal-kundizzjonijiet mehmuża mal-istess Direttiva,
- E. billi l-UE ħadet għadd ta' miżuri dwar l-inklużjoni soċjali tar-Roma u allokati baġit speċifiku għal dan l-oġjettiv, iżda dawn il-miżuri s'issa ma rnexxielhomx jiksbu biżżejjed riżultati,
- F. billi l-esklużjoni soċjali u ekonomika tar-Roma hija kwestjoni Ewropea u tirrikjedi strateġija Ewropea,

I. Strateġija Ewropea għar-Roma

1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jadottaw u jimplementaw Strateġija Ewropew għar-Roma li b'mod partikolari tikseb il-miżuri li ġejjin:
 - l-iżvilupp ta' pjan ta' azzjoni bbażat fuq kooperazzjoni fuq skala kbira bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri kif ukoll ma' partijiet interessati oħra,
 - indikaturi, skadenzi u standards ċari biex jiġi evalwat il-progress,
 - mekkaniżmi ta' monitoraġġ adegwati biex jiġi żgurat l-użu effikaċi tar-riżorsi finanzjarji u umani,
 - l-involvement tal-komunitajiet Roma fl-aspetti kollha tal-ippjanar, l-implimentazzjoni u s-supervizzjoni,
 - implimentazzjoni lokali effettiva, flivell kemm jista' jkun qrib il-komunitajiet Roma,
 - fehim adegwat ta' lezzjonijiet minn inizjattivi preċedenti, sabiex tiġi evitata ripetizzjoni tal-iżbalji u tal-oġjettivi mhux milħuqa;
2. Jitlob li jkun hemm programm ta' żvilupp komprensiv li fl-istess waqt jimmira lejn l-oqsma politiċi kollha relatati u jagħmel possibbli interventi immedjati f'oqsma marġinalizzati li jkunu qed jiffaċċjaw żvantaġġi strutturali;
3. Jitlob li jkun hemm impenji leġiżlattivi u approprjazzjonijiet baġitarji kredibbli biex tiġi faċilitata l-inklużjoni soċjali tar-Roma u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jadottaw u jużaw

dawn il-miżuri kif xieraq;

4. Jistieden lill-Kummissjoni biex tgħin lill-Istati Membri jtejbu l-użu tal-fondi tal-UE, inkluż billi tipproponi mezzi kif għandhom jiġu semplifikati l-proċeduri għall-aċċess għall-fondi;
5. Jistieden lill-Istati Membri biex jagħmlu użu sħiħ mill-opportunità li joffri r-Regolament (KE) Nru 437/2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp fir-rigward tal-eliġibbiltà tal-interventi għall-akkomodazzjoni favur komunitajiet emarġinati, bl-objettiv li jiġu integrati mill-ġdid u żviluppati b'mod sostenibbli l-iktar komunitajiet vulnerabbli fi hđandhom;
6. Jistieden lill-Kummissjoni biex tieđu rwol minn ta' quddiem fit-twittiq tat-triq lejn djalogu kostruttiv fost l-Istati Membri fir-rigward tal-minoranza Roma;
7. Jitlob biex il-Pjattaforma Ewropea għall-Inklużjoni tar-Roma tiġi mtejba billi ssir mekkaniżmu formali ta' koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, bil-parteċipazzjoni tal-NGOs;
8. Jistieden lill-Kummissjoni biex iżżid il-kampanji ta' sensibilizzazzjoni u ta' informazzjoni tagħha, fil-livell tal-UE, dwar kwestjonijiet relatati mar-Roma;
9. Iqis li l-organizzazzjoni tas-Samit tal-UE dwar ir-Roma li jmiss għandu jipprovdi opportunità tajba biex jissaħħu l-isforzi tal-UE b'rabta mas-sitwazzjoni tar-Roma fl-Unjoni;

II. Direttiva 2004/38/KE

10. Jafferma li r-Roma jikkostitwixxu minoranza li, fil-parti l-kbira tagħha, tipossjedi ċittadinanza ta' Stat Membru, u hija għalhekk soġġetta għad-drittijiet u l-obbligi skont id-Direttiva 2004/38/KE;
11. Jenfasizza li ċ-ċittadini Ewropej għandhom id-dritt li jiċċaqilqu u jieqfu jgħixu fi kwalunkwe Stat Membru tal-UE, sakemm jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet – b'mod partikolari, għal soġġorni ta' iktar minn tliet xhur, jiġifieri li:
 - ikunu ħaddiema jew ħaddiema għal rashom fl-Istat Membru ospitanti jew
 - ikollhom biżżejjed riżorsi biex ma jsirux piż għall-Istat Membru ospitanti u jkun jibbenefikaw minn assigurazzjoni komprensiva kontra l-mard jew
 - isegwu kors ta' studji u jibbenefikaw minn assigurazzjoni komprensiva kontra l-mard;
12. Jinnota li d-Direttiva 2004/38/KE tagħti wkoll lill-Istati Membri d-dritt li jirrestrinġu l-libertà tal-moviment u tar-residenza taċ-ċittadini tal-UE u tal-familji tagħhom, irrispettivament min-nazzjonalità, għal raġunijiet ta' politika pubblika, sigurtà pubblika jew saħħa pubblika, u li l-Istati Membri mhumiex obbligati jinfurmaw lill-Kummissjoni qabel ma japplikaw il-klawsola tal-politika pubblika;
13. Jinnota wkoll li r-responsabilità għal kwalunkwe att kriminali għandha titqies skont il-każ

u ma tistax tingħata lil gruppi jew komunitajiet;

14. Ifakkar lill-Istati Membri li huma mitluba jimplimentaw id-direttivi tal-UE u jirrispettaw it-Trattati tal-UE sabiex jiġu salvagwardati d-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fl-Unjoni;
15. Jesprimi fiduċja li l-Artikolu 2 TUE dwar il-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni - inklużi n-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja u s-solidarjetà - jiġi rispettat madwar l-Unjoni;
16. Jenfasizza li t-tkeċċija ta' ċittadini tal-UE għandha ssir skont il-każ u abbażi ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji adegwati;
17. Iqis li s-sitwazzjoni tar-Roma fl-Ewropa m'għandhiex taffettwa s-sħubija imminenti tar-Rumanija u tal-Bulgarija fiż-żona Schengen;

* * *

18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.